Australian Government
Aged Care Quality and Safety Commission

Engage
*Empower*
**Safeguard**

# X'għandek tistenna li jiġri matul tifqigħa tal-COVID-19 – residenti fi djar tal-anzjani

Jekk xi ħadd mis-servizz residenzjali tal-anzjani tiegħek għandu l-COVID-19, ser iseħħu numru ta' bidliet. Dawn il-bidliet isiru malajr ħafna. Forsi tkun anzjuż meta jsiru dawn il-bidliet iżda l-għan hu li tibqa' sikur.

Il-bidliet li tista' tinnota jinkludu:

## KULĦADD IRID JIBQA' ĠEWWA (LOCKDOWN)

- Il-viżitaturi jiġu mitlubin biex jitilqu u jibda lockdown (kulħadd jinżamm ġewwa)
- Ma tkunx tista' tħalli l-bini ħlief f'ċirkostanzi speċjali

## AKTAR KOMUNIKAZZJONI

- L-istaff iżommuk infurmat dwar dak li qiegħed jiġri, u jekk għandek mistoqsijiet, għandek issaqsihom
- Tiġi kkuntattjata l-familja tiegħek u jkun hemm komunikazzjonijiet regolari dwar is-sitwazzjoni
- Inti tiġi mgħejjun biex tikkomunika mal-familja u mal-ħbieb tiegħek
- Jiġu mpoġġija sinjali barra l-kamra ta' xi ħadd li ġie ttestjat pożittiv għall-COVID-19
- Sinjali jistgħu wkoll jaqsmu l-bini f'żoni differenti
- Sinjali oħrajn jikkonfermaw li d-dar qegħda f'lockdown u li qegħda tirrispondi għal tifqigħa tal-COVID-19

## ITTESTJAR

- L-istaff u r-residenti kollha jistgħu jiġu ttestjati għall-virus
- Jista' jinqala' l-bżonn li t-testijiet jerġgħu jsiru waqt li qed tiġi mmaniġġjata t-tifqigħa jew jekk jibda jkollok sintomi

## IŻOLAMENT

- Jista' jkun li tinżamm 'il bogħod kompletament minn residenti oħrajn biex tgħin biex ikun protett kulħadd fid-dar
- Tista' tittieħed għal żmien temporanju f'kamra jew post ieħor hekk kif l-istaff jippruvaw inaqqsu r-riskji għar-residenti kollha
- Tista' tiġi mitlub biex tuża kamra tal-banju differenti jew biex tinħasel f'kamartek

## ILBIES PROTETTIV (PPE)

- Persuni ser jilbsu tagħmir speċjali biex jimmaniġġjaw ir-riskju li l-COVID-19 tinfirex fid-dar tiegħek – dan jista' jinkludi ġagaga, ingwanti, maskra u tarka għall-wiċċ. Dan biex jipproteġu lilek u lil ħaddieħor mill-firxa tal-virus
- Jekk qiegħed tisgħol jew ġejt ittestjat pożittiv għall-COVID-19, tista' tintalab ukoll biex tilbes maskra
- Persuni bil-maskri jidhru differenti u jista' jkun li jidhru tal-biża'. Jgħidulek min huma u ser tidra tara nies hekk. Ser ikomplu jieħdu ħsiebek

## AKTAR TINDIF

- Is-superfiċji komuni ser jiġu mnaddfa b'mod aktar regolari – dan jinkludi ħadid tas-sodda, swiċċijiet tad-dawl u poġġamani
- Il-kamra tiegħek ser titnaddaf ta' spiss, waqt li postijet oħrajn ser jitnaddfu ħafna drabi kuljum

## BIDLIET OĦRAJN

- L-ikel jista' jkun preparat f'post differenti u jista' jkun li jidher differenti. Ser tiġi servut l-ikel f'kamartek
- It-trejs, il-pożati u l-platti u t-tazzi jistgħu jiġu sostitwiti b'affarijiet li jintremew wara l-użu
- Ser jiżdied il-monitoraġġ tas-saħħa u l-benesseri tiegħek – dan jista' jinkludi l-iċċekkjar regolari tat-temperatura u tan-nifs tiegħek u li jiġu mfittxijin bidliet oħrajn fil-kundizzjoni tiegħek u kif tħossok
- Staff differenti jew ġodda jistgħu jgħinu temporanjament fis-servizzi ta' kura u għajnuna tiegħek – dan għaliex l-istaff tas-soltu jista' jkun qegħdin jiżolaw ruħhom id-dar. Dan jista' jinvolvi kura aktar individwali għalik jekk għandek bżonnijiet partikolari

## KIF TISTA' TGĦIN

- Ifhem li dawn il-bidliet huma ddisinjati biex jipproteġu r-residenti u l-istaff. Probabbilment ser ikunu temporanji
- Staqsi mistoqsijiet jekk inti inkwetat b'xi ħaġa
- Ftakar biex taħsel idejk ta' spiss u sewwa bis-sapun; evita li tmiss wiċċek u ħalqek; uża minkbejk jew tissue biex tgħatti s-sogħla jew it-tagħtisa tiegħek
- Irrapporta xi sintomi ta' mard immedjatament